MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 300/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**VS**

**PAUL CUTAJAR ET**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Pawlu Cutajar ta’ 44 sena, iben Carmelo u Manwela nee’ Attard, imwieled Hal-Luqa nhar il-5 ta’ Frar, 1961, u joqghod fil-fond numru 11, Triq Dun Guzepp Micallef, Luqa, detentur tal-karta tal-identita’ numru 173561 (M) ;

Emmanuel Mifsud ta’ 34 sena, bin Emmanuel u Giorgina nee’ Attard, imwieled Hal-Qormi, nhar it-8 ta’ Awissu, 1970, u joqghod fil-fond Bird Flat 1, Triq Misrah il-Barrieri, Msida, detentur tal-karta tal-identita’ numru 409471 (M);

Michael Mizzi ta’ 49 sena, bin Joseph u Angela nee’ Azzopardi, imwieled l-Imsida, nhar il-11 ta’ Lulju, 1955, u joqghod fil-fond numru 81, Nikita, Triq Guze’ Ellul Mercer, Msida, detentur tal-karta tal-identita’ numru 508155 (M);

Clayton Mizzi ta’ 25 sena, bin Michael u Emmanuela nee’ Azzopardi, imwieled tal-Pieta’, nhar it-22 ta’ April, 1979, u joqghod fil-fond Monterosa Flats, F/1, Triq il-Kapuccini, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita’ numru 217979 (M);

U takkuzahom talli f’dawn il-Gzejjer, nhar id-29 ta’ Jannar, 2005, ghall-habta tad-disgha u kwart ta’ fil-ghaxija, gewwa Triq Santu Wistin, San Giljan:

Minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghdu l-hajja fil-perikolu car, ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ David Azzopardi u Stephanie Giordmaina, u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli kkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-gisem ta’ Thomas Dimech u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Pawlu Cutajar u Clayton Mizzi wahidhom akkuzati aktar talli huma recidivi b’diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-ammissjoni tal-imputati fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, cioe’ waqt l-ezami, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien skond il-Ligi;

Rat il-verbal tal-lum, fejn il-vittma *parte civile* irrinunzjat ghall-azzjoni fil-konfront tal-istess imputati, u ddikjarat li hi thallset id-danni sofferti minnha u m’ghandha ebda pretensjoni ohra fuq dan il-kaz;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Artikolu 214, 216, 221 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti, u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------